

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2109****tas-17 ta' Novembru 2015****li tawtorizza lir-Renju Unit biex japplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE <sup>(2)</sup> awtorizzat lir-Renju Unit biex japplika miżuri speċjali ta' simplifikazzjoni sabiex, abbażi ta' rata fissa, jiddetermina l-proporzjon tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) mhux deduċibbli marbut mal-infiq tal-fjuwil għall-vetturi kummerċjali li ma jintużawx esklussivament għal skopijiet kummerċjali. Is-sistema, li hija fakultattiva għall-persuni taxxabli, hija bbażata fuq il-livell tal-emissjonijiet tad-dijossidju tal-karbonju (CO<sub>2</sub>) mill-karozza, peress li hemm korrelazzjoni proporzjonali bejn l-emissjonijiet u l-konsum tal-fjuwil u, għalhekk, mal-infiq fuq il-fjuwil.
- (2) Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-22 ta' Mejju 2015, ir-Renju Unit talab l-awtorizzazzjoni biex ikompli japplika l-miżura.
- (3) Permezz ta' ittra tal-5 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tar-Renju Unit. Permezz ta' ittra tat-8 ta' Ġunju 2015, il-Kummissjoni nnotifikat lir-Renju Unit li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkunsidra t-talba.
- (4) Skont ir-Renju Unit, l-arranġament effettivament wassal, kemm għall-persuni taxxabli kif ukoll għall-amminis-trazzjoni tat-taxxa, għas-simplifikazzjoni tal-proċedura għall-għbir tal-VAT frabta mal-infiq għall-fjuwil għall-karozzi kummerċjali. Għalhekk, jixraq li r-Renju Unit jiġi awtorizzat japplika l-miżura sal-31 ta' Diċembru 2018.
- (5) Fil-każ li r-Renju Unit jikkunsidra li jkun hemm bżonn ta' estensjoni oħra lil hinn mill-2018, għandu jissottometti rapport flimkien ma' talba għall-estensjoni lill-Kummissjoni qabel il-31 ta' Marzu 2018.
- (6) Il-miżura ta' deroga ma għandha l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikoli 26(1)(a), 168 u 168a tad-Direttiva 2006/112/KE, ir-Renju Unit huwa awtorizzat, mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2018, li jiffissa fuq bażi ta' rata fissal-proporzjon tal-VAT relatata mal-infiq għall-fjuwil użat għal skopijiet privati fil-karozzi kummerċjali.

*Artikolu 2*

Dan il-proporzjon tat-taxxa msemmi fl-Artikolu 1 għandu jiġi espress f'ammonti fissi, stabbiliti fuq il-bażi tal-livell ta' emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tat-tip ta' vettura, li jirriflettu l-konsum tal-fjuwil. Ir-Renju Unit għandu jaġġusta dawk l-ammonti fissi annwalment biex jirrifletti l-bidliet fil-prezz medju tal-fjuwil.

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 11.12.2006, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/659/KE tal-25 ta' Settembru 2006 li tawtorizza lir-Renju Unit biex jintroduċi miżura speċjali li tidderoga mill-Artikoli 5(6) u 11(A)(1)(b) tad-Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-taxxi fuq it-turnover (ĠUL 272, 3.10.2006, p. 15).

*Artikolu 3*

Is-sistema stabbilita fuq il-bażi ta' din id-Direttiva għandha tkun fakultattiva għall-persuni taxxabbli.

*Artikolu 4*

Kull talba għall-estensjoni tal-miżura speċjali prevista f'din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2018 u għandha tkun akkumpanjata minn rapport li jkun jinkludi valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' din il-miżura.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Novembru 2015.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. ASSELBORN

---